# Informazzjoni dwar kif tevita nar kmieni




## Kun ippreparat għal nar

Li tkun ippreparat u prevenzjoni huma l-qofol għal ambjent ta' ħajja salva. Kull dar u ċentru għandhom ikollhom pjan ta' kif wieħed jaħrab nar. Fuq ix-xogħol, leġislazzjoni dwar il-ħarsien tas-saħħa u sigurtà tagħmilha ta' bilfors għan-negozji kollha u għal organizzazzjonijiet li jkollhom pjanijiet f'posthom ta' kif wieħed jaħrab nar u li dawn ikunu ttestjati fuq bażi regulari, imma fid-dar niddependu fuq il-familji biex jagħmlu dan huma stess.

### Kun ċert li l-membri fid-dar ikunu jafu:

- Kif jitkaxkru fil-baxx fid-duħħan
- Modi differenti kif joħorġu minn kull kamra u mid-dar
- Kif jiftħu bibien u twieqi msakkra
- Kif iċemplu l-brigata tat-tifi tan-nar – 000
- Fejn jiltaqgħu barra (pereżempju viċin il-kaxxa ta' l-ittri)
- Il-prattika hija l-qofol – għandha ssir fuq bażi ta' kull xahar



### Kun ippreparat għal nar

- Smoke alarms li jaħdmu biss isalvaw il-ħajjiet. Żommhom nodfa mit-trab u ibdel il-batteriji kull meta jispiċċa l-ħin tas-sajf
- Ittestja l-ismoke alarm tiegħek kull ġimgħa u naddafha kull xahar
- Kun af li tfal taħt l-età ta' ħames snin mhux dejjem jisimgħu l-ismoke alarms
- Żomm kutra tan-nar (fire blanket) u jew/ fire extinguisher fil-kċina u kun af kif tużaha/tużah/tużahom
- Fejn tpoġġi l-kutri tan-nar u l-fire extinguishers għandu jkun bejn fejn x'aktarx in-nar jista' jseħħ fil-kċina u minn fejn tista' toħroġ barra
- Installa swiċċ ta' sigurtà kontra l-elettriku (electrical safety switch) – għandu jkun installat minn elektrixin reġistrat
- Fassal pjan kif taħrab nar mid-dar mal-membri tal-familja tiegħek u pprattika l-pjan regolarment





### L-aħbar tajba hija...

Li bħala ġenitur jew persuna li tieħu ħsieb xi ħadd, tista' tagħmel l-ambjent ta' tifel jew tifla żgħira salv billi tkun alert għall-periklu ta' ħruq, samtiet u nar u billi tieħu azzjoni biex tevitahom. It-tfal jikkopjawk u jieħdu l-eżempju tiegħek, għalhekk ħallihom jarawk tieħu azzjoni ta' sigurtà – bħal meta tpoġġi skrin quddiem nar fil-miftuħ.

**Imma ftakar...**tfal taħt il-ħames snin ma jaħarbux neċessarjament minn nar jew jifhmu x'għandhom jagħmlu f'emerġenza. Ġenituri u persuni li jieħdu ħsieb oħrajn għandhom ikunu jafu dan meta jiżviluppaw pjan ta' kif jaħarbu nar mid-dar.



Country Fire Authority (CFA) u Metropolitan Fire and Emergency Services Board (MFB) qegħdin jagħmlu din l-informazzjoni u materjal disponibbli bil-ħsieb li inti tieħu kura xierqa meta tużahom. Jekk għandek xi dubju dwar kif tapplika l-informazzjoni għaċ-ċirkustanzi partikulari tiegħek, għandek tikseb aktar pariri professjonali. CFA u MFB ma jaċċettawx responsabilità għal kif int tapplika, tinterpreta jew tiddependi fuq l-informazzjoni pprovduta. CFA u MFB ma jaċċettaw l-ebda responsabilità għal xi telf jew ħsara li tista' tirriżulta mill-użu tiegħek ta' l-informazzjoni, kemm jekk minħabba ineżattezza bla ħsieb, żball jew ommissjoni jew għal xi kawża oħra.

**Għal aktar informazzjoni kkuntattja:**



www.cfa.vic.gov.au

www.mfb.vic.gov.au